# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA MQADDSA GEWWA ........................




Il-processjoni gewwa Noci bil-Misteri tat-Tbatija ta' Kristu hi tradizzjoni antika. Fit-toroq ta' Noci id-diversi konfraternitajiet kienu jorganizzaw l-processjoni tal-Misteri mill-Erbgha tal-Gimgha mqaddsa sat-tard tal-jum tal-Gimgha l-Kbira; kienu jghaddu bl-istatwi tal-misteri li juru t-tbatija ta' l-ahhar mumenti ta' Kristu filwaqt li jkantaw dak il-kant tradizzjonali tal-passjoni. Imma ghal xi raguni jew ohra din it-tradizzjoni kienet qed titlef il-hajja. Pero' fis-sena 1960, is-sena meta l-membri tal-konfraternitajiet kienu naqsu bin-nofs, xi statwi kienu sfaw mitlufa, it-tradizzjoni u l-fidi fil-processjoni tal-Misteri baqghu ntatti u t-tradizzjoni kompliet.

Fis-sena 1997 xi nocesi farfru zewg statwi antiki dik ta' Kristu Mejjet konservata taht l-artal tal-Kurcifiss tal-knisja omm ta' Noci u tal-Pieta bi Kristu mixhut fi driegh Marija, konservata fil-knsija ta' Santu Wistin u fil-lejla tal-Gimgha l-kbira ghamlu processjoni biex ikomplu bit-tradizzjoni taghhom. Is-sena ta' wara waqqfu kumitat interparrokjali biex jorganizzaw il-processjoni tal-Misteri b'mod aktar ahjar. Bil-hidma ta' dan il-kumitat u bil-kontribuzzjonijiet tal-fidili saret statwa gdida dik ta' Kristu inkurunat. L-entuzjazmu kiber tant, li l-kumitat iddecida li jirrestawra l-istatwa maghrufa "tal-Kalvarju" misjuba fil-knisja ta' l-Isem Imqaddes ta' Gesu' u ikkummisjonaw wahda gdida Kristu gewwa l-Ort.

F'Hamis ix-Xirka jigu esposti l-istatwi tal-Misteri gewwa l-Knisja ta' Santa Chiara u minn hawn tibda il-processjoni tal-Gimgha l-Kbira. Bil-kontribuzzjonijiet tal-fidili l-kumitat irnexxilu jakkwista statwa ohra dik tar-Redentur u biddel l-istatwa ta' l-Addolorata ma' ohra, id-Desolata. L-interess f'din il-manifestazzjoni kompla zdied u ghal darb'ohra l-kumitat akkwista zewg statwi ohra, dikta' Kristu mal-kolonna u l-Veronika. Ta' kull sena n-nies ta' Noci bil-processjoni ritwali taghhom fit-toroq ta' Noci, jidhlu fil-qalba tal-misteru tat-tbatija ta' Kristu u jergghu jghixu aktar mill-qrib dawk il-mumenti ta' sofferenza li bihom Kristu tana hajja gdida.

# IL-MISTERI TA' NOCI



KRISTU GEWWA L-GNIEN TAL-GETSEMANI



KRISTU NKURUNAT BIX-XEWK




KRISTU MISLUB QIEGHED AGUNIJA



KRISTU FFLAGELLAT



IL-VERONIKA